MALTA

# QORTI TAL-APPELLI KRIMINALI (INFERJURI) MALTA

## ONOR. IMHALLEF GALEA DEBONO JOSEPH

Seduta ta' 24 ta' Ottubru, 2002

Appell Kriminali Numru. 125/2002/1

Il-Pulizija
(Spettur N. Aquilina)
Vs

Andre Carbonaro

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Struttorja talli :
1) f'dawn il-Gzejjer fit-13 ta' Marzu 2001 u matul l-ahhar sitt xhur qabel din id-data, b'diversi atti wkoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi w li jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda, minghajr il-permess tal-Ministru, minghajr ma kien negozjant awtorizzat f'Malta, xtara jew issellef xi deheb jew flus barranin minn ghand, jew bejgh jew sellef xi deheb jew flus barranin lil xi persuna ohra li ma kienitx negozjant awtorizzat u dan ai termini tal-Artikolu 4(1) tal-Att dwar il-

Kontroll fuq il-Kambju, Kap. 233 tal-Ligijiet ta' Malta u tal-Artikolu 18 tal-Kodici Kriminali Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2) kif ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi hawn fuq imsemmija bhala persuna li ma kienx negozjant awtorizzat, kellu il-pussess ta jew il-kontroll fuq xi deheb jew flus barranin f'Malta, offra (sic!) dak id-deheb jew dawk il-flus barranin, jew ra li jigu offerti (sic!) ghall-bejgh lil negozjant awtorizzat u dan minghajr il-permess tal-Ministru u dan ai termini tal-Artikolu 5(1) tal-Kap 233 tal-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju;
3) kif ukoll talli fl-istess data, lok u cirkostanzi hawn fuq imsemmija kiser xi restrizzjoni, projbizzjoni jew htiega imposta minn jew skond dan l-Att u li ftiehem jew ipprova jew ghen, hajjar, ta parir jew qabbad xi persuna ohra, sabiex jikser xi restrizzjoni jew htiega kif imsemmija f'dan l-Att u dan ai termini tal-Artikolu 39 tal-Kap 233 tal-Att dwar il-Kontroll fuq il-Kambju.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tal-21 ta' Marzu 2001 (Fol. 11) sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Mejju, 2002, li biha, wara li rat l-Artikoli tal-Ligi u cioe l-Artikolu 4(1), 5(1), 39 tal-Kap 233 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikolu 18 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta iddikjarat li ma sabitx lill-imputat hati tal-akkuzi kif addebitati lilu w illiberatu minn kull akkuza.

Rat ir-rikors tal-appellant l-Avukat Generali minnu pprezentat fl-24 ta' Mejju, 2002, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, u minflok issib u tiddikjara htija tal-istess appellat f'dawn l-akkuzi, w tinfliggi l-piena skond il-Ligi.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Avukat Generali jikkonsistu fis-segwenti u cioe :-

A. b'riferenza ghal dak li enunjcat l-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata (fol.13) jidher li kien hemm enuncjazzjoni zbaljata meta l-Ewwel Qorti qalet li fl-ipotesi tal-ligi stabilita fl-artikolu 4 (1) tal-Kapitolu 233, il-

persuna li ma tkunx negozjant awtorizzat u li f'Malta tixtri jew tissellef flus barranin trid tkun xtrat jew isselfet minnghand persuna li wkoll ma tkunx negozjant awtorizzat . Dan ghaliex il-pozizzjoni legali korretta hija illi sabiex jissussisti r-reat in dizamina, dak li hu mehtieg hu biss li dik il-persuna ma tkunx negozjant awtorizzat u li tkun xtrat jew isselfet flus barranin minnghand persuna ohra . Il-fatt li persuna bhal ma huwa l-appellat , ma tkunx negozjant awtorizzat u li tkun fil-pussess ta' flus barranin,sija jekk ghax tkun xtrathom , kemm ghax tkun isselfithom jew xort'ohra (u fil-kaz odjern l-appellat kien qed jaghmel hekk versu korrispettiv!) huwa bizzejjed biex tinstab htija taht din id-dispozizzjoni . Inoltre apparti li jirrizulta li Atwar Asawam ma kienx negozjant awtorizzat, l-artikolu 3 tal-Kap.233 jitkellem car dwar min hu u min ma hux negozjant awtorizzat ;

B. b'riferenza ghal dak li tghid is-sentenza appellata (fol.15) u cioe' li l-imputat missu gie akkuzat b'reati konnessi ma ksur tal-Att XXII tal-1994 dwar Istituzzjonijiet Finanzjarji ,l-Avukat Generali rrileva li l-Ewwel Qorti jidher li ma haditx konjizzjoni ta' dak li hemm stipulat fl-artikolu 23(3) tal-istess Att , (Kapitolu 376) u cioe' li procediment taht l-istess Att ma jkun ta' ebda pregudizzju ghall-kwalunkwe procediment iehor taht ligijiet ohra w jekk il-Prosekuzzjoni ma haditx procedimenti taht dik il-ligi , dan ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta' kriminali tal-imputat taht il-ligi in dizamina . Huwa l-Kapitolu 233 biss li espressament jikkontempla bhala reat il-pussess , xiri u self ta' flus barranin bl-intervent ta' persuna mhux negozjant awtorizzat , mentri l-Kap.376 hija ligi aktar generika;

C. b'riferenza ghal dak li jintqal a fol.17 tas-sentenza appellata, dwar il-pussess ta' flus barranin, l-Ewwel Qorti applikat il-kuncett ta'zmien xieraq b'mod ghal kollox irrilevanti . Galadarba l-provenjenza tal-pussess ta' dawk il-flus barranin f'idejn l-appellat kienet wahda llecita, ma seta' qatt jelimina dak li kien illecitu billi jittenta jsarrafhom b'mod lecitu w hawn ghamel riferenza ghal dak deciz minn din il-Qorti fil-kawza “Il-Pulizija vs. Winston Zahra” ;

D. B'riferenza ghall-dak li ntqal fil-fol.21 tas-sentenza appellata u cioe' li l-appellat ma setax jitqies li ghen jew hajjar lil haddiehor biex tinkiser xi restrizzjoni jew htiega taht id-dispoizzjonijiet tal-Kapitolu 233, irrileva li jekk ir-restrizzjoni kienet applikabbli fil-konfront ta' Atwar Asawam , b'dak li ghamel l-appellat , anki semplicement bil-fatt li kkommetta r-reat taht l-artikolu 4 (1) kif minnu argumentat kien certament ghall-finijiet tal-ligi qieghed jghin u jhajjar lil haddiehor jikser tali restrizzjoni w htiega w dana kollu versu korrispettiv? Finalment l-Avukat Generali staqsa jekk mhux ghajr ghal din ir-raguni , xi htiega kellu bzonn Atwar Asawam li jinqeda bl-intervent tal-appellat minnflok jaghmel huwa direttament dak li effettivament u finalment ghamel l-appellat ?

Rat il-verbal registrat waqt is-seduta tal-11 ta' Lulju, 2002 , li biha id-difensur tal-appellat issoleva preliminarjament il-pregudizzjali tal-inappellabilita' tas-sentenza appellata billi l-Avukat Generali ma kellux dritt t' appell peress li hu kien gie liberat fuq apprezzament ta' fatti w provi .

Semghet it-trattazzjoni fuq dan il-punt u fuq il-mertu in generali ;

Ezaminat l-atti kollha processwali ;

Ikkonsidrat ;

Li dan l-appell gie differit ghas-seduta tal-lum ghall-provvediment fuq l-eccezzjoni tal-inappellabilita' sollevata mid-difiza u/jew sentenza fuq il-mertu.

Illi hu ovvju li l-ewwel haga li tridi tigi deciza hija l-eccezjoni preliminari tal-inappellabilita' sollevata mid-difiza tal-appellat;

Illi l-Kap.233 li tahthu kien akkuzat l-appellat ma jatix xi dritt ta' appell specjali w fuq il-mertu tal-fatti lill-Prosekuzzjoni , kif jaghmlu xi ligijiet specjali ohra w ghalhekk il-kwistjoni tal-inappellabilita' o meno ta' sentenza dwar reati kontemplati f'din il-ligi, hija regolata mid-dispozizzjonijiet generali li hemm fil-Kodici Kriminali

(Kap.9) li jirregolaw id-dritt t' appell tal-Avukat Generali minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali .

Illi l-Avukat Generali qed jappella ghaliex skondu l-Ewwel Qorti ghamlet enuncjazzjoni hazina tal-ligi u appella minnhabba dak li sejjah fir-rikors tal-appell tieghu "error juris"; Kliem u frazijiet simili "ut sic" ma jinstabux fl-artikolu 413 tal-Kodici Kriminali w din il-Qorti , fl-assenza ta' xi riferenza ghal xi sub-artikolu jew sub-inciz jew sub-sub inciz tal-art. 413, tista' biss tifhem li l-Avukat Generali qed jakkampa l-appell tieghu taht l-art. 413(1)(b)(iv)(i); anki ghaliex , kif gie ritenut fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Mario Joseph Bonello" (11.11.1994) , "il-gurisprudenza ormaj kopjuza ta' din il-Qorti rrikonoxxiet dan id-dritt ta' appell tal-Avukat Generali meta l-"error juris" ikun jirrizulta mill-atti u kif jghid il-Professur Sir Anthony Mamo "An appeal will also lie - under this provision aforequoted (413 (1)(b)(iv(i) ) - if the Magistrate after hearing and weighing the evidence has ,in applying the law to the fact as proved made a wrong interpretation of the law." (Notes on Criminal Procedure - 1957 p.52).

Illi skond l-artikolu 413 (1) (b) (iv) (i) , L-Avukat Generali jista' jappella mis-sentenzi tal-Qrati tal-Magistrati " meta l-imputat .....jigi illiberat minhabba - li fil-fatt ma jkunx hemm l-elementi ta'reat." Umbaghad is-subartikolu (3) tal-istess artikolu ikompli jghid li meta l-imputat jigi liberat ghal xi wahda mir-ragunijiet imsemmijin fil-paragrafu (b) (iv) (v) u (vi) tas-subartikolu (1) tal-istess artikolu , l-Qorti fis-sentenza taghha ghandha ssemmi bic-car din ir-raguni w fin-nuqqas ta' dan , is-sentenza tkun nulla w din in-nullita' tkun taghti dritt ta' appell lill-Avukat Generali.

Illi jintqal mill-ewwel li imkien fis-sentenza appellata ma inghatat bhala raguni tal-liberazzjoni xi wahda mir-ragunijiet imsemmija fis-sub-incizi (iv) (v) u (vi) fuq imsemmija , kif suppost kellha taghmel l-ewwel Qorti , kieku l-motivazzjoni taghha ghall-liberazzjoni kienet xi wahda mir-ragunijiet hemm elenkati .

Illi fl-Appell Kriminali : “Il-Pulizija vs. Norman Lowell” (12.3.1999) din il-Qorti diversament preseduta , meta ittrattat eccezzjoni simili ta’ inappellabilita’ fuq appell li sar fuq motivazzjoni identika u cioe’ enuncjazzjoni nkompleta jew skorretta tal-ligi , rribadiet li “ormai huwa pacifiku fil-gurisprudenza lokali illi taht l-imsemmi Artikolu tal-Kodici Kriminali (art. 413) ma jistax isir appell mill-Avukat Generali meta s-sentenza appellata tkun bazata fuq apprezzament ta’ fatt , korrett jew le. Dan l-Artikolu tal-ligi jaghti dritt ta’ appell lill-Avukat Generali meta l-Magistrat li jkun iddecieda l-kawza fl-ewwel istanza jkun iddikjara illi fil-fatt ma kienx hemm l-elementi kostituttivi tar-reat addebitat lill-akkuzat jew imputat , izda din il-kelma “FATT” ghandha tiftiehem bhala l-fatt kif migjub fl-imputazzjoni apparti l-provi , U MHUX IL-FATTI KIF JIRRIZULTAW MILL-PROVI.” (emfasi tal-Qorti) ......Dan id-dritt (t‘Appell) jezisti biss meta l-Qorti tkun illiberat lill-akkuzat (imputat) ghaliex fil-fatt kif dedott fl-akkuza , indipendentement mill-provi , ma jkunx hemm reat u mhux ukoll fil-kaz li tkun illiberatu ghaliex fil-fatt kif pruvat , cioe‘ wara l-apprezzament tal-provi , ma jkunx hemm reat.” (sottolinear ta’ dik il-Qorti) ..... “Illi mill-kliem tas-sentenza appellata jidher car li l-Ewwel Qorti kienet qed tirriferi ghall-fatti kif rizultanti mill-provi li gew imressqa quddiemha w l-liberazzjoni tal-imputat (appellat) kienet bazata fuq semplici apprezzament ta’ dawk il-provi ..... Zgur ma jistax jinghid li l-Ewwel Qorti kienet illiberat lill-appellat fuq il-”fatt“ kif semplicement dedott fl-akkuzi , mentri l-verita‘ hi li dik il-Qorti lliberatu in bazi ghall-“fatt pruvat“.

Pero’, kif gja gie aktar ’l fuq rilevat ,taht dan l-istess Artikolu huwa anki permess l-appell lill-Avukat Generali meta, ghad li l-Magistrat ikun dahal fil-fatti , pero’ meta jkun gie biex japplika ghalihom id-dispoizzjonijiet tal-ligi , hu jinterpretha hazin , ghaliex f’kaz simili ikun hemm hekk ukoll kwistjoni ta’ ligi.
Issa kif gie ukoll ritenut fis-sentenza ta’ din il-Qorti appena fuq citata, meta, bhal fil-kaz prezenti , il-Magistrat sedenti in prim’ istanza ikun “effettivament dahal fil-provi dettaljatament , sabiex jista’ jkun hemm dritt ta’ appell favur l-avukat Generali , hemm bzonn li jirrizulta li

kien hemm enuncjazzjoni hazina, nkompleta jew skorretta tal-ligi fis-sentenza appellata . Jekk invece din l-enuncjazzjoni hija korretta , allura din il-Qorti tieqaf hemm . Fil-fatt , kif gie deciz fis-sentenza moghtija minn din il-Qorti preseduta mill-Onor. Imhallef W. Harding fl-ismijiet : "Il-Pulizija vs. Bonnici" (27.5.1994), meta f'kazijiet simili din il-Qorti ma ssibx fis-sentenza appellata enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi , allura b' hekk l-appell tal-Prosekuzzjoni jkun ezawrit , ghaliex diversament ikun qed jigi ammess appell f'kaz fejn dan mhux ammissibbli w din il-Qorti tkun qeghdha tissindaka apprezzament ta' fatt tal-Qorti "a qua" fuq il-fatti kif rizultanti mill-provi , haga li mhiiex ammessa."

Illi fil-kaz odjern ma jidhirx li l-appellant qed jinvoka d-dritt ta' appell moghti lilu mill-kliem testwali tal-art. 413 (1)(b)(iv) (i) u cioe' meta l-imputat jigi lliberat minhabba li fil-fatt ma jkunx hemm l-elementi tar-reat , imma fuq id-dritt ta' appell evolut fil-gurisprudenza meta jkun hemm enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi. Ghalhekk l-indagni ta' din il-Qorti trid tkun f'dan l-istadji, ghall-inqas, limitata ghal dan l-aspett u xejn aktar.

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant huwa proprju li l-Ewwel Qorti, meta kienet qed tittratta l-ewwel imputazzjoni taht l-art. 4 (1) tal-Kap.233 irriteniet li biex jissussisti r-reat dedott mhux bizzejjed li l-akkuzat biss jigi pruvat li mhux persuna awtorizzata , imma jinhtieg ukoll li l-persuna l-ohra involuta fil-biegh, xiri, jew self ta' flus barranin , tigi pruvata li ma kienetx persuna awtorizzata ukoll. L-Avukat Generali jsostni li dan hu zbaljat .

Issa l-kliem tal-ligi fl-art. 4 (1) huwa car u ghal dak li jirrigwarda l-kaz in dizamina jghid testwalment hekk:-

"Hlief bil-permess tal-Ministru , ebda persuna minbarra negozjant awtorizzat , ma ghandha
f'Malta ....jixtri jew jissellef xi ...flus barranin minnghand , jew ibiegh jew jislef xi ...flus barranin lil , xi persuna ohra li ma tkunx negozjant awtorizzat ."

Illi dan il-kliem car u dirett, fil-fehma tal-Qorti jinnecessita li biex tali transazzjoni tkun wahda kontra l-ligi hemm

bzonn li z-zewg partijiet ma jkunux negozjanti awtorizzati w mhux parti wahda biss . Kieku kien xort’ ohra  w transazzjoni  bejn persuna li ma tkunx negozjant awtorizzat u persuna li tkun negozjant awtorizzat  , bhal, per ezempju , meta persuna kwalunkwe, li ma tkunx negozjant awtorizzat , tmur go bank jew ghand  cangier awtorizzat biex  tixtri “foreign currency”  jew terga’ ssarraf “foreign currency” fi flus Maltin , tkun qed taghmel transazzjoni projbita bil-ligi , li ovvjament mhux il-kaz . Illi ghalhekk jidher car li l-kliem  univoku tal-ligi hawn ried  li jippenalizza transazzjonijiet bejn zewg persuni li jkunu t-tnejn mhux negozjanti awtorizzati .  Sa hawn ghalhekk l-Ewwel Qorti ma jidhirx li ghamlet xi enuncjazzjoni skorretta tal-ligi .

Lanqas ma kienet skorretta l-Ewwel Qorti meta qalet li ried jigi pruvat  mill-Prosekuzzjoni bhala fatt li kemm l-imputat appellat kif ukoll il-persuna l-ohra li maghha ghamlet it-transazzjoni  , kienu it-tnejn mhux negozjanti awtorizzati . Fil-fatt, il-Prosekuzzjoni fil-waqt li ghamlet din il-prova fir-rigward tal-appellat bix-xiehda ta’ Edwin Calleja (Fol. 22 tal-process) , ma ghamlet ebda prova simili fir-rigward tal-persuna l-ohra involuta fit-transazzjoni u l-Ewwel Qorti ikkonkludiet li din il-prova ,li riedet issir mill-Prosekuzzjoni ma saritx . Din il-Qorti fliet il-process u rat li din il-prova ma saritx .  Pero’ f’kull kaz ,jekk umbaghad din il-prova saritx jew le hija w tibqa’ dejjem  kwistjoni ta’ apprezzament ta’ fatt  li fuqha  l-Avukat Generali m’ghandux dritt t’ appell.

L-Avukat Generali  argumenta li l-art. 3 tal-Kap.233 jitkellem car dwar min hu u min ma hux negozjant awtorizzat . Fil-fatt dan l-artikolu kull ma jghid  hu li l-Ministru jista’ jinnomina persuna biex tkun negozjant awtorizzat u li l-isem u l-indirizz ta’ kull persuna hekk nominata ghandhom jigu publikati fil-Gazzetta tal-Gvern, u bl-istess mod jista‘ f‘kull zmien minghajr ma jaghti ebda raguni jhassar tali nomina w tali thassir ukoll irid jigi pubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern  . Jghid ukoll fis-sub inciz (2) li l-Ministru jista jaghti  lil  negozjant  awtorizzat direttivi ta’ xorta generali jew specifika  w n-negozjant  awtorizzat ghandu jaghti  effett lil tali direttiva. Kjarament dan l-ahhar

sub-inciz mhux rilevanti ghall-kwistjoni odjerna. Invece l-ewwel u t-tielet subincizi kull ma jaghmlu hu li jaghtu l-poter lil Ministru li jahtar, jew li jhassar hatra ta' , negozjant awtorizzat u ma jghidx min huma n-negozjanti awtorizzati , kif jargumenta l-Avukat Generali fir-rikors tal-appell tieghu. Dwar il-pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern din trid umbaghad tigi komplimentata mix-xiehda ta' xi addett tad-dipartiment koncernat - kif del resto sar bix-xiehda ta' Edwin Calleja fil-kaz tal-appellat - li jikkonferma li , mir-ricerka li jkun ghamel , l-persuna n kwistjoni ma tkunx registrata bhala negozjant awtorizzat . Altrimenti f'kull kaz il-Qorti tkun trid toqghod tara l-gazzetti tal-Gvern kollha mill-1972 - meta dahlet in vigore il-ligi - sal-jum tal-akkuza biex tivverifika jekk dik il-persuna tkunx giet xi darba gazzettjata bhala negozjant awtorizzata u , jekk iva , gietx kancellata minn tali lista - haga li zgur mhux funzjoni tal-Qorti imma tal-Prosekuzzjoni li tkun qed tallega bhala bazi ta' xi akkuza li xi persuna ma tkunx persuna awtorizzata.

Illi dwar il-lanjanza tal-Avukat Generali kontenuta fit-tieni aggravju tieghu fir-rigward tal-kumment maghmul mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata li, "semmai" , (il-kelma ezatta uzata mill-Ewwel Qorti) l-Prosekuzzjoni setghet ipprocediet taht xi ligi ohra w precizament taht il-Kap. 376 kontra l-appellat odjern, jigi osservat li , apparti li dan il-kumment jidher li intqal bhala "obiter dicta" biex ikopri c-cirkostanza tal-korrispettiv li kien ser jircevi jew irceva l-appellat , l-Ewwel Qorti ma qalitx , kif donnu qed jinterpreta li qalet l-appellant , li kellha tigi applikata ligi ohra u li bl-applikazzjoni ta dik il-ligi l-ohra ma setghux jigu applikati l-provvedimenti tal-kap.233 . Li qalet l-ewwel Qorti minn qari attent u akkurat ta' dik il-parti tas-sentenza kien li r-reat taht l-art. 4 (1) tal-kap.233 ma jirrizultax u , li ghal dak li jirrigwarda l-element tal-korrispettiv ,dan ma kienx necessarjament prova tal-htija taht l-art. 4(1) imma "semmai" l-appellat seta' jigi akkuzat taht ligi ohra , jekk kien il-kaz. Anki hawn din il-Qorti ma tirravviza ebda enuncjazzjoni zbaljata jew skorretta tal-ligi li taghti dritt t' appell lill-Avukat Generali .

It-tielet ilment tal-appellant jirrigwarda l-fatt li l-Ewwel Qorti applikat b' mod ghal kollox irrilevanti il-kuncett taz-zmien xieraq , ghax irritjena li , galadarba l-provenjenza tal-pussess ta' dawk il-flus barranin f'idejn l-appellat kienet wahda llecita, ma seta' qatt jelimina dak li kien illecitu billi jittenta jsarrafhom b'mod lecitu . Dan l-aggravju ibda biex hu bazat fuq il-premessa li l-pussess tal-flus barranin in kwistjoni kellhom provenjenza llecita. Issa , jekk kienet korretta l-Ewwel Qorti meta applikat il-fatti ghall-ligi kif tajjeb enuncjata minnha fir-rigward tal-ewwel akkuza taht l-art. 4 (1) u ma sabitx htija jew ksur tal-ligi fit-transazzjoni li ghaddiet bejn l-appellat u Atwar Asawam , il-bazi tal-premessa ta' provenjenza illecita taqa' .

Irid ghalhekk irid jigi konsidrat l-art. 5 (1) fih innifsu u jekk l-Ewwel Qorti ghamletx xi konsiderazzjoni ta' dritt zbaljata jew skorretta meta nterpretatu . Dan l-artikolu , kuntrarjament ghal dak li hemm riprodott b'mod ingarbuljat u li ma jaghmilx sens fl-akkuza , jghid hekk b'rilevanza ghall-kaz odjern :-

"Kull persuna , li ma tkunx negozjant awtorizzat li jkollha l-pussess ta' jew il-kontroll fuq xi
......flus barranin f'Malta, .....ghandha , bla hsara tad-dispozizzjonijiet ta' dan l-artikolu ,
toffri ...... dawk il-flus barranin , jew tara li jigu offerti , ghall-biegh lil negozjant awtorizzat
kemm il-darba l-Ministru ma jaghtix il-kunsens sabiex izzommhom u tuzahom jew jekk
ma tiddisponix minnhom favur xi persuna ohra bil-permess tal-Ministru."

Umbaghad il-paragrafu (4) tal-istess artikolu 5. jghid testwalment :-

"Jekk xi persuna tkun b'dan l-artikolu mehtiega li toffri jew li tara li jigi offert ghall-biegh ...
xi flus barranin lil negozjant awtorizzat u tonqos li thares dik il-htiega FI ZMIEN XIERAQ"
(emfasi tal-Qorti) allura l-Ministru jista' jiehu certu passi .

Illi mill-qari akkurat ta' dan l-artikolu , ma jidhirx li hemm l-obbligu immedjat w istantanju ta' min jigi fil-pusess ta'

flus barranin li joffrihom jew jara li jigu offerti lil negozjant awtorizzat , imma jekk wiehed jaqra l-art. 5 (1) flimkien mall-5 (4) jidher li l-ligi riedet li jkun hemm certu periodu xieraq biex dan l-obligu li tesigi l-ligi jigi mwettaq. Hekk fil-fatt gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza taghha tat-28 ta' Lulju, 1988 fil-kawza "Il-Pulizija vs. Winston Zahra" li ghaliha ghamlu riferenza kemm il-Prosekuzzjoni u kif ukoll id-difiza tal-appellat . Dik il-Qorti kienet qalet testwalment hekk :-

"Hawn jidhol kuncett importanti li hu nkorporat fis-subartikolu (4) tal-artikolu 5 imsemmi

u cioe' dak li l-flus barranin ghandhom jigu offruti mhux immedjetament izda fi zmien xieraq

u x'jikkostitwixxi zmien xieraq tarah din il-Qorti u hadd aktar."

Dan ifisser li l-kwistjoni ta' zmien xieraq trid titqies mill-gudikant li jkun bhala kwistjoni ta' fatt u fid-dawl tac-cirkostanzi kollha tal-kaz li jkun, cirkostanzi li jistghu jvarjaw minn kaz ghal kaz.

Issa fis-sentenza appellata, l-Ewwel Qorti dahlet fil-kwistjoni taz-zmien xieraq ghax naturalment id-difiza tal-appellat adduciet bhala argument favur l-appellat , kif del resto ghamlet anki quddiem din il-Qorti , li l-periodu li fih it-tlitt cheques esebiti kienu damu fil-pussess tal-appellat qabel ma ttiehdulu mill-Pulizija, kien wiehed relattivament qasir w ergo kien ghadu ma ghaddiex dak iz-zmien xieraq li tippermetti l-istess ligi fis-subartikolu (4) fuq citat . Rinfaccata b'tali difiza , l-Ewwel Qorti altru milli kienet korretta li tinvesti din il-kwistjoni taz-zmien xieraq fis-sentenza appellata . Anzi, kieku ma ghamlitx, dan kienet tkun qed tonqos ghax ma kienetx tkun trattat aspett importanti tad-difiza sollevata mill-appellat quddiemha. Ghalhekk mhux korrett l-appellant meta jghid li l-"Qorti inferjuri dahlet u applikat il-kuncett ta' zmien xieraq b'mod ghal kollox irrilevanti " ghax altru li kien rilevanti li l-Ewwel Qorti tikkonsidra dan l-aspett . Din il-Qorti mhux ser tissindaka dak li l-Ewwel Qorti - bhala kwistjoni ta' fatt qieset bhala zmien xieraq f' dan il-kaz , ghax din hi u tibqa' kwistjoni ta' fatt deciza mill-Ewwel Qorti li dwarha l-Avukat Generali m'ghandux dritt t'appell .

Din il-Qorti ezaminat il-brani kollha tas-sentenza appellata dwar fejn ittrattat il-kwistjoni taz-zmien xieraq u ma rriskontrat ebda enuncjazzjoni zbaljata jew inkompleta tal-ligi fir-rigward li taghti dritt ta‘ appell lill-Avukat Generali.

Illi dwar ir-raba aggravju tal-appellant li jittratta l-liberazzjoni mit-tielet imputazzjoni , l-appellant jissottometti li jekk kien hemm xi restrizzjoni applikabbli fil-konfront ta’ Atwar Asawam , b’dak li ghamel l-appellat , anki semplicement bil-fatt li kkommetta r-reat taht l-artikolu 4 (1) kien certament ghall-finijiet tal-ligi qed jghin u jhajjar lil haddiehor jikser tali restrizzjoni w htiega. Bir-rispett kollu dan l-aggravju hu bazat fuq il-premessa li l-appellat kien hati li kkommetta r-reat taht l-artikolu 4 (1) meta fil-fatt dan mhux minnu ghax l-appellat gie liberat mill-Ewwel Qorti fuq dak ir-reat u diga’ ntqal li fir-rigward ta’ dak ir-reat ma kien hemm ebda enuncjazzjoni zbaljata tal-ligi mill-Ewwel Qorti fis-sentenza appellata. Ghalhekk in kwantu intavolat fuq din il-premessa dan l-ilment hu bla bazi .

Illi din il-Qorti pero’ xorta wahda fliet bir-reqqa din il-parti tas-sentenza appellata biex tara jekk tikkontjenix xi enuncjazzjoni zbaljata jew inkompleta tal-ligi dwar l-applikabilita’ tal-art. 39 tal-Kap.233 , ghalkemm din ma gietx senjalata fir-rikors tal-appell b’mod car u specifiku .

Illi l-uniku paragrafu li ddedikat l-Ewwel Qorti ghal din l-imputazzjoni ma jikkontjeni ebda enuncjazzjoni ta’ ligi jew interpretazzjoni legali tal-istess , izda jidher li fih biss konsiderazzjonijiet ta’ fatt. Di fatti dan il-paragrafu jghid testwalment hekk :-

“Illi mill-ezami tac-cirkostanzi , kif prodotti, l-Qorti ma hiex tal-fehma li l-imputat kiser xi `restrizzjoni jew projbizzjoni mposta skond dan l-Att u lanqas MA GIE PPRUVAT (emfasi tal-Qorti) li ftiehem jew ipprova jew ghin jew hajjar jew ta parir biex tinkiser xi restrizzjoni ghaliex MINN DAK LI GIE PRUVAT JIRRIZULTA FUQ BAZI TA’ PROBABBILTA’ (emfasi tal-Qorti) li l-imputat dejjem sarraf il-flejjes barranin f’istituzzjoni awtorizzata b’ligi.”

Illi minn dan il-kliem tas-sentenza appellata hu manifest li l-Ewwel Qorti bbazat il-konsiderazzjonijiet taghha biex waslet ghall-liberazzjoni tal-appellat mit-tielet imputazzjoni BISS fuq konsiderazzjonijiet ta' provi kif irrizultaw u ta' FATT u mhux fuq xi enuncjazzjoni tal-ligi , w ghalhekk anki din il-konkluzzjoni tal-Ewwel Qorti ma hix appellabbli skond il-ligi.

Ghal dawn il-motivi , din il-Qorti tilqa' l-eccezzjoni w l-pregudizzjali tal-inappellabilita' tas-sentenza appellata sollevata mid-difiza tal-appellat u, fil-waqt li tiddikjara li f'dan il-kaz l-Avukat Generali ma ghandux dritt t' appell , tiddikjara l-appell tieghu rritu w null u konsegwentement ma tiehux konjizzjoni ulterjuri tieghu.

(ft) Joseph G. Galea Debono

24.10.2002.

Paul Miruzzi
Assistent Registratur